| | |
|---|---|
| **Lesson** | Year 3 – 6.2 – Religion (pere ezempju) |
| **Select Learner Year & Subject** | Year 3 – 6.1 – Religion (pere ezempju) |
| **Lesson Duration** | 50 min |
| **Lesson Title** 1 of 12 max words. | **Jien ukoll kont hemm u rajtu** |
| **Short Description** | Hawnhekk se naraw l-istorja ta' żerriegħa li biex tikber sabet ħafna tfixkil. Ġesù wkoll sab it-tfixkil u kien hemm min ma ħabbux u qatlu. Ġesù miet għalina. Kien hemm ħafna nies li niltaqgħu magħhom fil-Passjoni ta' Ġesù. Il-Madonna baqgħet tiġri warajh u tara x'kien ser jiġri minnu. |
| **Lesson Description, Explain how the lesson should be carried out** | 1. Ibda billi tara l-video *One Seed* li jinsab hawnhekk.<br>https://www.youtube.com/watch?v=06H27-OaC44&spfreload=10<br>2. Taħseb li kien faċli għaż-żerriegħa li tikber fid-deżert?<br>3. Issa aqra dan li ġej: Iż-żerriegħa riedet tikber. Kienet taf li fid-deżert kien diffiċli li tikber minħabba r-riħ u s-sħana żejda. Aħna wkoll, waqt li qed nikbru nsibu xi diffikultajiet. Imma hu importanti ħafna li nibqgħu għaddejjin.<br>4. Aħseb ftit u tkellem ma' min jieħu ħsiebek: Din iż-żerriegħa lil min sabet biex jaqtgħalha qalbha?<br>5. Taħseb li ż-żerriegħa qatgħet qalbha? Għaliex taħseb hekk?<br>6. Aqra:  Se nsibu ħafna ħbieb li ma jkunux ħbieb ta' veri. Meta jiġrilna hekk ma rridux naqtgħu qalbna.<br>7. Ara ftit xi ġralha ż-żerriegħa. Din kibret f'siġra sabiħa. Sħabha li ppruvaw jaqtgħulha qalbha skantaw.<br>8. Ma' min jieħu ħsiebek iddiskuti: X'tista' tagħmel meta ssib it-tfixkil?<br>9. Meta nsibu t-tfixkil, inbatu. Taf lil xi ħadd li bata u miet għalina?<br>10. Ġesù bata u miet għalina.<br>11. Issa aħseb ftit: Barra Ġesù liema persuna batiet l-aktar f'din il-ġrajja? Għaliex? Żgur li kienet il-Madonna.  Din il-mara  żgur li kienet l-aktar persuna b'qalb maqsuma f'dik il-ġrajja - għax kienet omm Ġesù.<br>12. Taf xi persuna oħra li kienet hemm fit-tbatija ta' Ġesù?<br>13. Kien hemm Pietru imma dan beża' u meta ġietu l-okkażjoni biex juri li kien ma' Ġesù qal li ma kienx jafu. Imma meta nduna li kien għamel xi ħaġa ħażina, beka ħafna għax kien iddispjaċih.<br>14. Tista' tara l-istorja ta' kif Pietru qal li ma jafx lil Ġesù. https://www.youtube.com/watch?v=0nHrpQc9G6k jew https://www.youtube.com/watch?v=Ppb9bKX1r7k<br>15. Issa ara l-powerpoint biex tkun taf aktar persuni li kienu hemm fil-passjoni ta' Ġesù.<br>16. Taf issemmi xi persuni milli rajt fil-powerpoint li ħadu sehem fir-rakkont tal-passjoni ta' Ġesù?<br>17. Issa ara l-klipp: *Worthy is the Lamb* li jinsab hawnhekk: https://www.youtube.com/watch?v=qqmcoJw6QnI<br>18. Sib il-worksheet u aqra s-silta ta' fuq.<br>19. Aħdem Attività 1 - It-tweġibiet huma: Pietru – Ġwanni -  Xmun minn Ċirene – suldati Rumani – qassisin tat-tempju<br>20. Aħdem Attività 2 billi timla l-vojt bil-kelmiet li għandek. |

| | |
|---|---|
| | 21. Issa Fakkar fl-istorja ta' Pietru u wara li taqra s-silta tal-Vanġelu: iċ-ċaħda ta' Pietru għin lit-tfal jimlew il-vojt fis-sentenzi ta' Attività 2.<br>22. Ara l-istorja ta' Mariella u imla l-vojt. |
| **Featured Image** | |
| **Video Link** | https://www.youtube.com/watch?v=qqmcoJw6QnI |
| **Upload Resources** | Kemm tiktibli x'hemm fil-lesson. Attachments niehu hsieb jien. |